

Il-Kodiċi ta' Statuti tal-Awtorità Żvediża tal-Logħob tal-Azzard

Ippubblikati minn: Johan Röhr, L-Awtorità Żvediża tal-Logħob tal-Azzard, PO Box 199, 645 23 Strängnäs. ISSN

SIFS 20xx:X

Ippubblikat

fi XX

Regolamenti li jemendaw ir-regolamenti u l-parir ġenerali tal-Awtorità Żvediża tal-Logħob tal-Azzard (LIFS 2018:4) dwar il-lotteriji tal-istat u u l-lotteriji għal kwistjonijiet ta' interess pubbliku;

adottati fid-*data*.

L-Awtorità Żvediża tal-Logħob tal-Azzard b'dan tistabbilixxi¹ skont il-Kapitolu 16, l-Artikolu 3, l-Artikolu 9 u l-Artikolu 10(7) tal-Ordinanza dwar il-Logħob tal-Azzard (2018:1475) fir-rigward tar-regolamenti tal-Awtorità Żvediża tal-Logħob tal-Azzard (LIFS 2018:4) dwar il-lotteriji u l-lotteriji tal-istat għal kwistjonijiet ta' interess pubbliku

li Kapitolu 1, Artikoli 1-2, Kapitolu 3, Artikolu 1, Kapitolu 4, Artikoli 2-6, Kapitolu 5, Artikoli 6 u 9, Kapitolu 8, Artikolu 1 għandu jkollhom il-formulazzjoni li ġejja.

Kapitolu 1 Kamp ta' applikazzjoni u terminoloġija

Artikolu 1 Dawn ir-regolamenti u l-pariri ġenerali jikkonċernaw lil daww liċenzjati biex jipprovdu lotteriji tal-istat f'konformità mal-Kapitolu 5, Artikolu 1 tal-Att dwar il-Logħob tal-Azzard (2018:1138) u daww liċenzjati biex jipprovdu lotteriji f'konformità mal-Kapitolu 6, l-Artikolu 3 tal-Att dwar il-Logħob tal-Azzard.

L-Awtorità Żvediża tal-Logħob tal-Azzard tista' tiddeċiedi dwar eżenzjonijiet mir-regolamenti, jekk dan ikun ġustifikat mil-lat ta' sikurezza u b'mod ieħor ma johlq l-ebda riskju għall-ġugatur.

Artikolu 2 Sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, it-terminoloġija u l-ismijiet użati fir-regolamenti għandhom l-istess tifsira bħal fl-Att dwar il-Logħob tal-Azzard (2018:1138) u fl-Ordinanza dwar il-Logħob tal-Azzard (2018:1475).

F'dawn ir-regolamenti u l-pariri ġenerali, huma użati d-definizzjonijiet li ġejjin

1. *biljett tal-lotterija mtella' wara t-tluġh*: biljett tal-lotterija li mhuwiex issiġillat, fejn it-tluġh isir wara x-xiri;
2. *biljett tal-lotterija elettronika*: trasportatur fiżiku tal-biljetti tal-lotterija li jista' jkun fih biljett tal-lotterija wieħed jew aktar u li jkun fih komponenti elettroniċi;
3. *biljett tal-lotterija fiżiku*: biljett li mhuwiex biljett tal-lotterija elettroniku u li ma jinbiegħx u ma jintlagħabx online;
4. *tluġh ta' distribuzzjoni*: tluġh fejn il-biljett huwa inkluż fi tluġh li jiddetermina l-valur tar-rebħ;
5. *biljett tal-lotterija mtella' qabel it-tluġh*: biljett tal-lotterija ssiġillat, fejn ix-xerrej jista' jara immedjatament jekk għandux biljett rebbieħ jew le;
6. *brix*: it-tneħħija ta' saff, bħal kisa li tinbarax, li jaħbi informazzjoni dwar il-logħba;
7. *test żgħir ħafna*: test b'għoli massimu ta' 0.4 mm u tul minimu ta' 35 mm li, mingħajr għajjnuniet, jagħti l-impressjoni ta' linja u li jista' jinqara b'mod ċar f'ingrandiment;
8. *validazzjoni online*: kontroll konness ta' kwalunkwe valur rebbieħ tal-biljett tal-lotterija kontra s-sistema tal-logħob tad-detentur tal-liċenzja;
9. *riljiev*: ittri, ċifri jew simboli li jkollhom kisa ħoxna biex tagħti lill-wiċċ tal-karta profil mgħolli, jew ittri, ċifri jew simboli li jkunu ttaqqu fil-wiċċ tal-karta, li jagħtuhom profil inċiż;
10. *riproduzzjoni*: immaġni permezz ta' tagħmir tekniku bl-istampar jew l-ippressar sussegwenti;

¹ Ara d-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika.

11. *informazzjoni dwar il-logħba*: informazzjoni dwar il-biljett tal-lotterija li jiddetermina jekk jirrappreżentax rebħa jew le;
12. *disinn tal-istampar tas-sigurtà*: linji rqaq ta' mill-inqas żewġ kuluri u b'wisa' tal-linja massima ta' 0.10 mm, li jaqsmu f'angoli li jaqtgħu. Jista' jkun ukoll tat-tip ta' riljiev tal-linja, jiġifieri fejn linji solidi rqaq joħolqu disinn li jagħti l-impressjoni li jkun f'riljiev (tridimensjonali);
13. *Materjal tal-UV-dead*: materjal li ma jdawwalx meta jkun espost għad-dawl UV;
14. *karatteristika tas-sigurtà UV*: immaġni jew disinn stampat b'linka fluworexxenti tal-UV. L-immaġni/id-disinn għandhom jidhru biss meta mdawlin b'dawl UV b'tul ta' mewġa ta' 365 nm u jleqqu b'dawl fluworexxenti f'lewn differenti mil-lewn tal-isfond li fuqu jkunu stampati;
15. *sovrastampar*: immaġni jew disinn stampat fuq saff li jinbarax jew ekwivalenti, li huwa ddisinjat biex jagħti indikazzjoni ċara ta' jekk is-saff li jinbarax ikunx tneħħa.

Kapitolu 3. Tabella tal-iżborż, rebħ, tluġh u r-riżultati tat-tluġh

Tabelli tal-iżborż

Artikolu 1 Il-biljetti tal-lotterija fiżiċi jew elettroniċi għandhom ikunu f'konformità mat-tabella tal-iżborż stabbilita fl-Id-detenturi ta' liċenzja ma jistgħux jaċċettaw il-kunsinna ta' biljetti tal-lotterija jekk il-biljetti rebbieħa jiġu kkonsenjati separatament mill-biljetti tal-lotterija vojta.

Kapitolu 4. Karatteristiċi tal-biljetti tal-lotterija fiżiċi

Artikolu 2 Biljetti tal-lotterija fiżiċi jew elettroniċi ma għandux ikollhom tali difetti fiżiċi jew marki li jistgħu jagħmluha possibbli li jintgħażlu l-biljetti rebbieħa.

Ma għandux ikun possibbli li l-informazzjoni dwar il-logħob fuq biljett ta' lotterija ssiġillat jinqara.

Il-biljetti tal-lotterija ssiġillati għandu jkollhom protezzjoni kontra l-manipulazzjoni u r-riproduzzjoni.

Artikolu 3 Jekk id-detenturi tal-liċenzja jkollhom sistema ta' validazzjoni online ċċertifikata, ir-rekwiżiti għall-biljetti tal-lotterija stabbiliti fl-Artikolu 4, il-paragrafi 2-3, fl-Artikolu 5, il-paragrafi 1-3, u fl-Artikolu 6, il-paragrafi 2-3, ta' dan il-Kapitolu ma għandhomx japplikaw.

Artikolu 4 Għal biljetti tal-lotterija mtella' qabel it-tluġh, issiġillati, fejn ir-rebħ massimu possibbli jaqbeż ammont bażi wieħed (1) tal-prezz, għandu japplika dan li ġej:

1. ma għandux ikun possibbli li jiġi ssiġillat mill-ġdid biljett tal-lotterija miftuħ;
2. il-biljetti tal-lotterija għandu jkollhom test żgħir ħafna;
3. il-biljetti tal-lotterija għandu jkollhom karatteristika tas-sigurtà tal-UV;
4. ma għandux ikun possibbli li wieħed jaqra l-informazzjoni dwar il-logħba billi jżomm il-biljett tal-lotterija quddiem sors tad-dawl;
5. l-informazzjoni dwar il-logħba ma għandhiex tagħti lok għal riljiev fuq in-naħa ta' barra tas-siġill;
6. l-informazzjoni dwar il-logħba għandha tkun protetta kontra l-modifika;
7. is-saff li jinbarax għandu jkollu sovrastampar li jaħbi l-qasam tal-informazzjoni u l-kontroll tal-logħba;
8. l-oqsma ta' kontroll issiġillati għandu jkollhom protezzjoni kontra l-brix u l-qari.

5 § Għal biljetti tal-lotterija mtella' wara t-tluġh, fejn ir-rebħ massimu possibbli jaqbeż ammont bażi wieħed (1) tal-prezz, għandu japplika dan li ġej:

1. il-biljetti tal-lotterija għandu jkollhom test żgħir ħafna;
2. il-biljetti tal-lotterija għandu jkollhom karatteristika tas-sigurtà tal-UV;
3. il-biljetti tal-lotterija għandhom jiġu stampati fuq materjal tal-UV-dead;
4. il-biljetti tal-lotterija għandu jkollhom disinn tal-istampar tas-sigurtà;
5. l-informazzjoni dwar il-logħob għandha tkun protetta kontra l-modifika.

Artikolu 6 Għal biljetti tal-lotterija elettroniċi, fejn ir-rebħ massimu possibbli jaqbeż wieħed minn kull sitta tal-ammont bażi tal-prezz, għandu japplika dan li ġej:

1. l-attivazzjoni u l-issettjar mill-ġdid tal-biljetti tal-lotterija għandhom iħallu traċċi ċari;
2. il-biljetti tal-lotterija għandu jkollhom test żgħir ħafna;
3. il-biljetti tal-lotterija għandu jkollhom karatteristika tas-sigurtà tal-UV;
4. il-biljetti tal-lotterija għandu jkollhom qasam ta' kontroll b'sovrastampar;
5. l-elettronika u l-iskrin għandhom ikunu protetti mill-manipulazzjoni.

Kapitolu 5. L-immaniġġjar ta' biljetti ta' lotterija

L-immaniġġjar ta' biljetti ta' lotterija mhux mibjugħa u biljetti ta' lotterija mifdiya

Artikolu 6 Għandu jkun hemm stabbiliti proċeduri dokumentati għall-immaniġġjar ta' biljetti tal-lotterija mhux mibjugħa u biljetti rebbieħa mifdiya.

Il-biljetti ta' lotterija mhux mibjugħa u l-biljetti rebbieħa mifdiya għandhom jinqerdu mill-aktar fis possibbli ladarba l-lotterija titlesta.

Fil-każ ta' validazzjoni online, it-tieni paragrafu ma japplikax.

L-immaniġġjar ta' midja tad-data użata

Artikolu 9 Għandu jkun hemm stabbiliti proċeduri dokumentati għat-trattament ta' sistemi skaduti għall-ġenerazzjoni ta' data għal biljetti tal-lotterija fiżiċi u għall-validazzjoni ta' biljetti tal-lotterija fiżiċi li ma għadhomx jintużaw.

Il-fajls li jinkludu informazzjoni dwar ir-rebħ għandhom jiġu mmaniġġjati b'mod li jiżgura li l-ebda persuna mhux awtorizzata ma tkun tista' tikkupjahom jew mod ieħor tużahom ħażin jew tagħmel ħsara lill-informazzjoni.

Kapitolu 8 Informazzjoni għall-ġugatur

Artikolu 1 Minbarra l-Kapitolu 14, l-Artikolu 4 tal-Att dwar il-Logħob tal-Azzard (2018:1138), l-informazzjoni li ġejja għandha tinżamm faċilment aċċessibbli għall-ġugatur.

1. l-isem, in-numru tat-telefown, u l-indirizz tal-posta elettronika tad-detentur tal-liċenzja;
2. meta xieraq, informazzjoni dwar il-benefiċjarji;
3. il-perjodu tal-bejgħ u/jew il-perjodu liċenzjat;
4. ir-riskji li jistgħu jkunu assoċjati ma' logħob għall-flus;
5. dettalji ta' kuntatt għal linja telefonika għal problemi bil-logħob tal-azzard li hija indipendenti mill-industrija tal-logħob tal-azzard u li tista' toffri għajnuna abbażi tal-kundizzjonijiet fl-Iżvezja;
6. li l-Awtorità Żvediża tal-Logħob tal-Azzard hija l-awtorità tal-liċenzjar u superviżorja;
7. prezz tal-biljett, imħatra, jew ekwivalenti għal-lotterija kkonċernata;
8. kwalunkwe spiża oħra mġarrba għall-parteċipazzjoni fil-lotterija inkwistjoni; u
9. meta xieraq, in-numru ta' biljetti tal-lotterija jew ekwivalenti.

Jekk ir-rebħ ma jitħallasx immedjatament, il-ġugatur għandu jiġi infurmat ukoll dwar il-ħin u l-mezzi tal-ħlas tar-rebħiet u l-aħħar data għall-ħlas tar-rebħiet.

Fil-każ ta' lotteriji mtella' wara t-tluġh u ta' lotteriji mingħajr biljetti, għandha tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar il-ħin u l-metodu għall-pubblikazzjoni tar-riżultati tat-tluġh u d-data ta' tluġh potenzjali għad-distribuzzjoni tar-rebħiet.

Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2024.

F'isem l-Awtorità Żvediża tal-Logħob tal-Azzard

CAMILLA ROSENBERG

Johan Röhr